# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 19 ta’ April, 2021**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 503/21TA**

**Francesco Saverio Cutajar (K.I. 316366M)**
**Mary Cutajar (K.I. 187265M)**

**vs**

**Infrastructure Malta**
**Awtorita’ tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Cutajar (ir-rikorrenti) tas-7 ta’ April 2021;

Rat id-digriet tagħha li għandu l-istess data li permezz tiegħu fost oħrajn laqgħet it-talbiet provvisorjament sakemm tipprovdi definittivament;

Rat ir-risposta ta’ Infrastructure Malta (l-intimata Entita’) tat-12 ta’ April 2021;

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ tal-Artijiet (l-intimata Awtorita’) tad-9 ta’ April 2021;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrenti qegħdin jippretendu li ħadd mill-intimati ma għandu jidhol fl-art mertu tal-kawża, u dan sabiex tinfetaħ triq. Il-kontenzjoni tagħhom hi li dan ma jistax isir għaliex sal-lum għadha ma ħarġitx in-*notice to treat*. Jargumentaw li ġaladarba din ma ħarġitx, ħadd mill-intimati ma għandu dritt li jagħmel dak li r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti li jkun miżmum.

Għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti biex iżżomm lill-intimati jew nies minnhom imqabbda milli jibnu, jikkostruwixxu u/jew jagħmlu kull tip ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-ftuħ tat-triq minn fuq l-art propjeta' tagħhom ġewwa Triq Nicolo' Baldacchino, Siġġiewi, kantuniera ma' Triq il-Muża, **stante illi a' tenur tal-liġi ma ħarġitx in-*notice to treat* ai termini tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta.** (Emfażi tal-Qorti). Ir-rikorenti qegħdin jagħmlu din it-talba minħabba li għadu ma ħariġx dan l-avviż.

Il-Qorti tibda biex tfakkar x'inhuma l-elementi prinċipali sabiex dawn il-Qrati jakkolju talbiet bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti. Qabel xejn ikun xi jkun l-esitu ta' dawn il-proċeduri, dan ma jnaqqas xejn mill-

pretensjonijiet u difiżi rispettivi tal-partijiet inkwantu jirrigwarda l-azzjoni sostanzjali. Din il-Qorti hija hekk adita biex tara jekk *prima facie* r-rikorrenti, għandhomx xi dritt x’jittitulaw ai fini ta’ dawn il-proċeduri biss. Tintlaqa’ jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiza fil-31 ta’ Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Anke jekk jirrisulta li jesisti l-element tal-prima facie, dan waħdu ma hux biżżejjed. Irid ukoll jirrisulta l-element ta’ dannu irreversibbli, li jfisser li jekk il-preġudizzju kkawżat jista’ jkun irrimedjat b’azzjoni ordinarja mingħajr konsegwenzi irreversibbli, dawn il-Qrati għandhom jirrifjutaw li jakkolju talbiet għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Il-Qorti trid tpoġġi fil-keffa tal-qies, iċ-ċirkostanzi kollha anke dawk tal-intimat.

Di piu’, is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li tkun adita biex tikkunsidra l-mertu propju. Il-Qorti hija ukoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma’ għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor, daqstant siewi, li huwa dritt tal-persuna li tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. (ara **digriet PA/JRM fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005**).

Il-Qorti fliet sewwa l-Atti. L-ewwel ma trid tqis, jekk it-talbiet rikorrenti jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tal-intimata Awtorita’. Fid-dawl tal-verbal tat-13 ta’ April 2021, il-Qorti mill-ewwel tgħaddi biex tgħid, li fil-konfront ta’ dan

l-intimat it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu. Sabiex it-talbiet ikunu jistgħu milqugħa, l-Awtorita' konċernata trid fil-fatt tiddikjara li dak li qiegħed jintalab li jkun miżmum, fil-fatt ser isir. *A contrariu sensu*, meta tiddikjara li mhux ser isir il-mandat għandu jkun miċħud. Tajjeb ukoll li jkun osservat li fil-proċeduri tar-rikors numru 453/2021 din l-Awtorita' ma ġietx indikata bħala parti. Dan ikompli jikkonvinci kemm ma hemmx il-ħtieġa tal-presenza tagħha f'dawn il-proċeduri.

Sa riċentement, ir-rikorrenti u l-Entita' intimata kienu laħqu l-ftehim tal-10 ta' Marzu 2021. Ġara, li wara li ġie ffirmat dak il-ftehim, ir-rikorrenti ppreżentaw proċeduri oħrajn, kważi identiċi għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, għaliex bdew jinsistu li l-intimata Entita' kienet ser tagħmel xogħolijiet fuq aktar art minn dik indikata fil-ftehim imsemmi (ara dok C a' fol 12). Minn qari tad-digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 453/2021 din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-posizzjoni li ħadu l-partijiet f'dawk il-proċeduri, sa fejn jirrigwarda punti ta' natura fattwali, jekk mhux għal kollox preċiża, hija simili ħafna għal dik li ħadu quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti tirrileva li r-rikors ġie miċħud minn dik il-Qorti prinċipalment minħabba li '*Huwa evidenti illi mhux mogħti lill-aġenzija intimata is-setgħa li tfassal u tistabbilixxi fejn għandhom isiru t-toroq skond il-pjani lokali. Tali setgħa hija mogħtija lillAwtorita' tal-Ippjanar u mhux lill-aġenzija intimata. Difatti it-triq proġettata in kwistjoni tinstab fil-pjan lokali tas-sena 2006 imfassal u stabbilit mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Għalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti illi qed isofru preġudizzju għaliex "l-intimati qed imorru ferm oltre*

*il-kejl miftiehem fl-istess ftehim u għalhekk l-esponenti qed isofru preġudizzju kbir…" ma jikwalifikax bħala jedd prima facie li jimmerita l-protezzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni. Jekk ir-rikorrenti riedu illi jinbidlu l-parametri tat-triq proġettata in kwistjoni kellhom jadoperaw mezzi oħra quddiem l-awtorita' kompetenti sabiex jitolbu tali tibdil.'*

Mir-raġunament imsemmi l-Qorti tasal għall-konklużjoni li għalkemm kien osservat li li l-Entita' intimata ma setgħetx tidħol għal dak il-ftehim, l-anqas ma jista' jinftiehem li b'daqshekk kien hemm xi dikjarazzjoni ta' nullita' jekk qatt dwar dak li fih dak il-ftehim. Jekk hemmx bżonn issir azzjoni apposita biex dak il-ftehim jitlef għal kollox il-validita' tiegħu, ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tgħid, għaliex kif diġa' aċċennat din hija materja riservata għal Qorti oħra, iżda jidher, li l-partijiet kienu ħasbu għal din l-eventwalita'. Dan jemerġi minn klawsola 7 tal-ftehim fejn ikkonvenew hekk:

*"In the event that any of the rules, terms, provisions or conditions of this agreement are determined by any competent court or tribunal to be invalid, unlawful or unenforceable to any extent, such provisitons, terms or conditions shall be severed from the remaining rules, terms, provisions or conditions which shall continue to be valid and enforceable to the fullest extent permitted by law.*"

Għal x'hiex kienu qegħdin jirreferu l-partijiet, din hija kwistjoni li ukoll jista' jkun il-każ li trid tippronunzja dwaru il-Qorti apposita, iżda huwa ċert li jekk l-intimata Entita' daħlet fuq l-art u bdiet ix-xogħolijiet, hija kwistjoni għal

kollox indipendenti mill-fatt jekk ħarġitx *in-notice to treat.* Fi ftit kliem, il-presenza tal-intimata Entita' huwa b'konsegwenza ta' dak il-ftehim u għalhekk bil-kunsens tar-rikorrenti. Il-Qorti terġa' tippuntwalizza li din l-osservazzjoni qed issir biss ai fini ta' dawn il-proċeduri għaliex b'dana kollu ma jfissirx meta l-Qorti kompetenti teżamina aktar fil-fond il-provi kollha li jkollha quddiemha ma tistax tasal għall-konklużjoni oħra.

Huwa ukoll rilevanti li filwaqt li fil-proċeduri l-oħra fuq imsemmija, l-ilment jidher li kien jirrigwarda li ser tittieħed aktar art minn dak li kien miftiehem, mhux hekk quddiem din il-Qorti. It-talbiet huma kjarament marbutin mal-fatt li ma inħarġitx *notice to treat*. Għalkemm huwa minnu li anke fil-kors ta' smiegħ issemma' kemm-il darba dan il-punt, it-talbiet huma dawk li huma. Il-Qorti tfakkar li meta inħareġ in-notice to treat dan ser jolqot l-art li tidher fil-pjanta dok m 1 li finalment hija l-istess art li hi proġettata mill-Awtorita' tal-Ippjanar li hija l-awtorita' kompetenti li tipproġetta t-toroq. F'dan is-sens kellha raġun il-Qorti fid-digriet fuq imsemmi, meta għamlet l-osservazzjoni li "*jekk ir-rikorrenti riedu illi jinbidlu l-parametri tat-triq proġettata in kwistjoni kellhom jadoperaw mezzi oħra quddiem l-awtorita' kompetenti sabiex jitolbu tali tibdil".*

Għalhekk minn dan kollu, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti ma irnexxilhomx jipprovaw li jesistu l-elementi kollha skont il-liġi sabiex it-talbiet tagħhom ikunu milqugħa.

Għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qegħdha tipprovdi bil-mod segwenti għat-talbiet tar-rikorrenti:

Fil-każ tal-Awtorita' tal-Artijiet qed tiddikjara li din ma kellhiex tkun parti għal dawn il-proċeduri għar-raġunijiet fuq spjegati u ghalhekk tiċħad it-talbiet rikorrenti fir-rigward tagħha.

Fir-rigward ta' Infrastructure Malta qed tiċħad ukoll it-talbiet kollha rikorrenti għar-raġunijiet fuq imsemmija.

Il-Qorti qegħdha għalhekk qed tħassar u tirrevoka d-digriet provvisorju tagħha tas-7 ta' April 2021 u tornda n-notifika ta' dan id-digriet lill-awtoritajiet kompeteneti biex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tar-rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum, 19 ta' April, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**